MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Talba Numru. 287/2005

**Frank Coppola (ID: 1107744(M))**

**Vs**

**General Road Servicing Limited u Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali San Gwann in rapprezentanza ta' l-istess Kunsill**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' Lm825.65c (tmien mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu) rapprezentanti danni sofferti mill-attur meta fis-17 ta' Novembru, 2004 waqt li iben l-attur kien qed isuq il-vettura Renault Clio CLI 044 proprjeta' ta' l-istess attur fi Triq is-Sebuqa, San Gwann

kien qed isir xoghol ta’ thaffir fl-istess triq minghajr ma kien hemm ebda ndikazzjoni.

Ra li l-kawza giet ceduta fil-konfront tas-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta’ San Gwann.

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-General Road Servicing Limited twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, il-General Road Servicing Limited naqset u ma dehritx, la fil-21 ta’ Marzu, 2005, meta gewipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-General Road Servicing Limited thallas lill-attur is-somma ta’ Lm825.65c (tmien mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu) bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------